

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Xuebo Ye (Wenzhou, iċ-Ċina)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenżuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenżuża kkonċernata: trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' siluwett fil-forma ta' ellissi) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 088 191

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Awwissu 2015 fil-Każ R 2608/2015-4

Talbiet

- tiddikjara r-rikors ammissibbli bid-dokumenti kollha tiegħu u bil-kopji korripondenti tiegħu;
- taċċetta l-offerta ta' provi proposti;
- tilqa' r-rikors, billi tannulla u tħalli mingħajr effett id-deċiżjoni kkontestata kif ukoll tiddikjara r-rifjut tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 13 088 191 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1)(b) u (5);
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2016 – ArcelorMittal Belval & Differdange u ThyssenKrupp Steel Europe v ECHA

(Kawża T-762/16)

(2017/C 014/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ArcelorMittal Belval & Differdange SA (Esch-sur-Alzette, il-Lussemburgo) u ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Scheidmann u M. Kottmann, avukati)

Konvenuta: L-Aġenċija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċ (ECHA)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-ECHA tas-26 ta' Settembru 2016 (referenza ATD/52/2016);
- alternativament, tannulla d-deċiżjoni tal-ECHA tad-19 ta' Awwissu 2016 (referenza ATD/52/2016) sa fejn din tiċħad it-talba tar-rikorrenti tal-aċċess għall-fajl tagħhom;
- tikkundanna lill-ECHA għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

- Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tapplika b'mod żbaljat l-imsemmija dispożizzjoni peress li b'mod żbaljat ġie kkonstatat li permezz ta' żvelar jiddgħajfu interassi kummerċjali u huma jsostnu wkoll li d-deċiżjoni tinjora interessa pubbliku superjuri.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tat-tieni inċiż tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

- Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-imsemmija dispożizzjoni u li, kuntrajament għal din id-deċiżjoni, id-dokumenti li għalihom l-aċċess huwa mitlub fil-fatt jappartjenu għall-fajl tar-rikorrenti u għalhekk ma-humiex eskużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2016 – Paulini vs BĊE

(Kawża T-764/16)

(2017/C 014/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Jörn Paulini (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2015, kif emendata fl-10 ta' Frar 2016, li tinforma lir-rikorrent bil-benefiċċju li ngħatalu taħt ir-reviżjoni annwali tas-salarju u tal-bonus (ASBR) għall-2015;
- tagħti lir-rikorrent kumpens għad-dannu materjali kif deskritt fil-punti 99 sa 103 tar-rikors;
- tagħti lir-rikorrent kumpens għad-dannu morali subit, stmat għal EUR 10 000;
- tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-linji gwida ASBR tal-2015 sa fejn dawn jiksru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, l-Artikolu 51 tal-Kondizzjonijiet tal-impieg u l-Artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sussidjarjament, ir-rikorrent jallega l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikser il-linji gwida 2015 jew fejn hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.